MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2015

Avviz Numru. 16/2013

**Robert Borg**

**vs**

**Dr Richard Galea Debono qua stralcjarju fl-isem u ghan-nom tal-kumpanija Primrose Poultry Products Limited (C1806)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-atturipprezentat nhar is-16 ta' Jannar 2013 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talab lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut, jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sebat elef, mija u zewg ewro u erbghin centezmu (€7,102.40) rapprezentanti l-paga dovuta lir-rikorrent mis-17 ta'

Jannar 2012 sat-13 ta’ Frar 2012 ammontanti ghal elf, seba’ mija u hamsa u sebghin ewro u sittin centezmu (€1,775.60) flimkien ma’ hamest elef, tliet mija u sitta u ghoxrin ewro u tmenin centezmu (€5,326.80) rapprezentanti n-*notice money* dovuta skont il-ligi ghal tnax-il gimgha *notice*.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta ta’ Richard Galea Debono li gietipprezentata fit-22 ta’ April 2013 fejn iddikjara illi:

“Illi l-ebda notice u l-ebda paga ma huma dovuti lill-attur billi dan kien irrizenja minn jeddu b’effett mid-data tas-16 ta’ Jannar 2012, kif ser jirrizulta mill-provi.”

**Melvin Cachia** xehed fid-19 ta’ Gunju 2013 fejn iddikjara li huwa kien gie mitlub sabiex jesebixxi l-inkartament rigwardanti l-appell ta’ Robert Borg NEA 261/12 fis-sena 2012. Huwa pprezenta d-dokumentazzjoni relattiva li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument Z. Ix-xhud spjega li s-sentenza finali nghatat fis-16 ta’ Ottubru 2012 u stqarr li l-appell tal-attur kien gie milqugh. Huwa tenna li l-attur kien appella minn decizjoni maghmula mis-socjeta’ fis-sens li kienu kitbu li huwa kien gie *resigned* mill-impjieg tieghu meta filfatt huwa kien gie *redundant* u l-appell kien laqa’ t-talba tieghu.

**Melvin Cachia** rega’ xehed fil-21 ta’ Mejju 2014 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta’ segretarju fin-National Employment Authority. Huwa spjega li r-rwol ta’ National Employment Authority huwa li meta persuna jaghmel appell mal-ETC huma jaraw li l-affarijiet ikunu mexjin kif suppost. L-appell isir abbazi tal-fatt li dak li jkun ma jkunx kuntent bir-ragunijiet tat-terminazzjoni kif ikunu murija fuq id-dokument tal-ETC. Ghalhekk l-awtorita’ in kwistjoni u cioe’ National Employment Authority ghandha d-diskrezzjoni sabiex tammenda kull decizjoni li tkun ittiehdet dwar it-terminazzjoni. Mistoqsi jekk f’dawn il-proceduri l-*employer* jissejjahx biex jaghti l-verzjoni tieghu, wiegeb li iva dazgur li jissejjah. Mistoqsi mill-Qorti jekk f’dan il-kaz partikulari, l-*employer* kienx issejjah wiegeb li l-*employer* kien Michael Vella u dan kien gie notifikat sabiex jidher quddiemhom, u fil-fatt kien deher u xehed quddiemhom. Huwa spjega li naturalment huma ma jkunux jafu minn huwa l-*managing director* tas-socjeta’ in kwistjoni. Ghalhekk meta huma jaraw *termination form* tal-ETC, huma jaghmlu kuntatt mal-entita jew kumpanija koncernata u jghidulhom min tkun il-persuna responsabbli.

Mistoqsi min effettivament qalilhom dwar Michael Vella, wiegeb li mill-fajl ma jirrizultalux pero’ huma jkunu sodisfatti li tali persuna tkun konxja tal-fatti. Huma jibghatu sabiex iz-zewg partijiet ikunu prezenti fl-istess hin u b’hekk ikun hemm il-konfrontazzjoni bejniethom u huma jiggudikaw ix-xhieda u l-appellant sabiex jaslu ghal gudizzju taghhom. Pero’ jafu li fil-fatt din il-kumpanija tinsab fi stadju ta’ likwidazzjoni. Mistoqsi jekk baghtux ghal likwidatur f’din il-kumpanija wiegeb li le huma ma baghtux ghalih il-likwidatur ghax ma qallux bit-tali dettalji. Ix-xhud gie muri dokument esebit f’dawn

l-atti u mmarkat bhala Dokument Y a fol 33 li hija t-*termination form* ta' Robert Borg. Mistoqsi mill-Qorti min effettivament iffirma dan id-dokument, wiegeb li l-firma mhux qed jaghrafha. Mistoqsi mill-qorti jekk jidhirlux li huwa kellu jibghat ghal-likwidatur li effettivament iffirma d-dokument Y esebit f'dawn l-atti stante li kienet din il-persuna li mliet il-formola rikjesta mill-ETC wiegeb li le ma dehrlux li kien importanti, ghax huwa qaghad biss fuq dak li kien qal Robert Borg u l-*employer* li rrizulta li kien Michael Vella. Sa fejn jaf ix-xhud, Michael Vella kien il-persuna li kien gie mibghut lilhom mill-kumpanija. Mistoqsi f'liema ndirizz baghtu n-notifiki taghhom lil Primrose Poultry Limited wiegeb li huma baghtuha fil-post 25, Lighters Wharf, Marsa. Huwa jaqbel li l-formola tal-ETC esebita fl-atti bhala Dokument Y waslet ghandhom fit-3 ta' Frar 2012. Anzi huwa qal li peress li m'hemmx timbru tan-National Employment Authority fuq dan id-Dokument Y allura ma jistax jghid meta waslet. Mistoqsi kif wasal ghandhom dan id-Dokument Y wiegeb li ma jafx u mhux f'pozizzjoni li jghid.

Huwa jaf li l-appell ta' Robert Borg dahal ghandhom fis-26 ta' April 2012. Stqarr li lanqas ma jista' jikkonferma li effettivament id-dokument kien quddiemhom meta gew biex jiddeciedu fuq il-kaz. Huwa kkonferma li quddiem il-bord Dr Galea Debono ma deherx minkejja li kienu jafu li s-socjeta' in kwistjoni kienet fi stadju ta' likwidazzjoni, pero' huma deherilhom li kellhom jisimghu biss lil Robert Borg u lil Michael Vella. Huma waslu ghad-decizjoni taghhom abbazi tax-xhieda taghhom biss. Fil-fatt fil-fajl jirrizulta li fid-19 ta' Novembru 2012 huwa kellu komunikazzjoni ohra. Id-Dokument Y wasal qabel din id-data zgur. Fil-fatt l-appell ta' Robert Borg kien gie milqugh fid-9 ta' Ottubru 2012 u l-awtorita' kienet infurmatu b'din id-decizjoni permezz ta' ittra datata 16 ta' Ottubru 2012 esebita fl-atti bhala Dokument Z a fol 19. Huwa gie muri dokument a fol 25 tal-atti u spjega li dan huwa dokument li jindika li effettivament l-awtorita' kienet baghtet ghal Michael Vella sabiex jigi bhala xhud quddiemhom. Dan id-dokument huwa datat 25 ta' Settembru 2012. Huwa tenna li dan jigi ffirmat mic-chairman tan-National Employment Authority.

**Joseph Saliba** xehed fid-19 ta' Gunju 2013 fejn iddikjara li huwa kien gie mitlub biex jixhed dwar l-*employment history* ta' Robert Borg b'mod partikolari dwar il-bidu u t-tmiem tal-impjieg tieghu ma' Primrose Poultry Products. Huwa spjega li effettivament Robert Borg beda l-impjieg tieghu mas-socjeta' Primrose Poultry Products nhar it-8 ta' Settembru 1980 u ttermina l-impjieg tieghu fis-16 ta' Jannar 2012. Ix-xhud esebixxa kopja tal-ktieb antik tax-xoghol tal-impjieg ta' Robert Borg u dan gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument X, kopja tat-*termination form* li l-Qorti mmarkat bhala Dokument Y u spjega li originarjament f'dan id-dokument (Dok Y) jindika li Robert Borg kien irrizenja. Dan id-dokument kien gie mibghut lilhom fit-23 ta' Marzu 2013 u l-ETC ircevewha fit-2 ta' April 2012. Sussegwentament l-attur kien ghamel appell lin-National Employment Authority peress li ma kienx kuntent bir-raguni moghtija f'dan id-dokument. L-appell tieghu kien gie milqugh u ghalhekk jista' jinghad li huwa ttermina l-impjieg tieghu minhabba *redundancy*.

Ix-xhud tenna li fit-*termination form* ma hemmx firma ta' Robert Borg pero' m'hemmx il-bzonn li jkun hemm din il-firma. Huwa spjega li din is-sistema llum tista' tkun elettronika. Huwa esebixxa wkoll kopja tal-*employment history* ta' Robert Borg li l-Qorti mmarkat bhala Dok. W.

**Joseph Saliba** rega' xehed fid-9 ta' April, 2014 fejn iddikjara li huwa jahdem fl-Employment and Training Corporation. Huwa jiftakar li l-ETC kienet irceviet Termination Form minghand Robert Borg li huwa kien ittermina l-impjieg tieghu ghax kien irrizenja. In segwitu kien sar appell minn Robert Borg stess sabiex tinbidel ir-raguni ghaliex kien ittermina l-impjieg tieghu. Ix-xhud spjega li n-National Employment Authority titlob kopja tat-*termination form*. Din it-*termination form* tinsab esebita a fol 34 tal-process u mmarkata bhala Dok. W. Huwa kkonferma li Robert Borg kien talab li minflok ikun hemm miktub li huwa rrizenja jkun hemm imnizzel li huwa gie *redundant*. Huwa jaf li dan l-appell kien instema' u t-talba ta' Robert Borg intlaqat u ghalhekk kif jirrizulta mill-Employment History Sheet tal-istess Robert Borg kif esebita mix-xhud fis-seduta precedenti tindika li r-raguni tat-terminazzjoni tax-xoghol tieghu hija li huwa gie *redundant* b'effett mis-16 ta' Jannar 2012. Mistoqsi jekk huwa jew xi persuna ohra rapprezentant tal-Employment and Training Corporation jixhdux f'dawn il-proceduri tal-appell wiegeb li le huma ma jixhdux imma huma kull ma jaghmlu huwa li jesebixxu kopja tad-dokumenti. Huwa spjega li huma jircievu biss id-decizjoni mill-bord u ghalihom ikun kaz maghluq.

Mistoqsi min effettivament kien baghtlu t-*Termination Form* tas-Sur Robert Borg u cioe' jekk kienx Robert Borg innifsu jew xi haddiehor wiegeb li huwa kien ircevieh minghand il-likwidatur kif jirrizulta mid-Dokument Y esebit fl-atti a fol 33. Huwa ma jirrizultalux jekk effettivament kienux thallsu xi *notice money* jew le. Ix-xhud saritlu referenza ghad-dokument Y li hu esebit fl-atti a fol 33 appunto ghat-taqsima 2 u ddikjara li f'dik il-kaxxa fejn ghandu ndikat *notice period* hija vojta.

**Michael Vella** xehed fid-19 ta' Gunju 2013 fejn iddikjara li huwa kien jokkupa l-kariga ta' direttur mas-socjeta' Primrose Poultry Products. Pero' huwa m'ghadux jahdem maghhom. Huwa kien ilu jahdem ma' din is-socjeta' ghal aktar minn tletin sena. Filfatt Richard Borg kien beda jahdem maghhom qabel l-attur. Huwa spjega li sakemm huwa dam direttur l-attur kien ghadu mpjegat maghhom. Ix-xhud spicca mill-kariga tieghu ghax illum il-gurnata s-socjeta' Primrose Poultry Products tinsab *in liquidation*. Mistoqsi jekk kienx prezenti ghal-laqghat mal-likwidatur wiegeb li iva. Din il-laqgha saret bejn wiehed u iehor fil-bidu tas-sena elfejn u tnax (2012). Huwa tenna li prezenti ghal din il-laqgha kien hemm ix-*shareholders* kollha fosthom hut Robert Borg u ommu, zijtu li kienet ukoll *shareholder*, it-tifel taghha li kien *shareholder* pero' ma deherx, George Borg u l-avukati rispettivi taghhom. Robert Borg pero' kien deher inassistit. Huwa jaf li hutu kellhom avukati pero' ma jafx x'jisimhom. Huwa stqarr li kien prezenti ghax gie mitlub pero' kien bla avukat.

Ix-xhud spjega li l-laqgha kienet minhabba l-likwidazzjoni u sabiex jara x' proceduri kien ser jiehu l-likwidatur li kien ukoll prezenti. Pero' kien hemm xi dizgwid u ma qablux bejniethom. Illum il-gurnata dawn il-proceduri jinsabu *sub judice* l-qorti. Mistoqsi jekk jafx li kien hemm xi mpjegati li offrew ir-rizenja taghhom, wiegeb li ma jidhirlux li kien hemm. Huwa tenna li bejn Robert Borg u George Borg kien hemm nuqqas ta' qbil kbir u dan kien mill-bidu nett ghax George Borg ried li jittermina u jaghlqu

l-kumpanija u Robert Borg xtaq li l-kumpanija titkompla. F'din il-laqgha ma kienx hemm kliem dwar *notice period* u hlas ta' flus in konnessjoni ma' dan.

Rat in-nota tal-attur **Robert Borg** li giet prezentata nhar it-30 ta' Settembru 2013 li permezz taghha pprezenta affidavit tieghu stess.

Fl-affidavit tieghu l-attur spjega li huwa fetah din il-kawza peress li kien impjegat mas-socjeta' Primrose Poultry Products Limited u peress li l-impjieg tieghu gie terminat huwa talab li jithallas l-arretrati tal-paga li ghad baqghalu jiehu kif ukoll li jithallas tan-*notice money*.

Huwa tenna li kien ilu mpjegat mal-kumpanija sa mis-sena 1980. Qabel mal-impjieg tieghu ntemm fl-elfejn u tnax (2012) huwa kien jaqla' bhala paga bazika s-somma ta' elf, disa' mija u tlieta u ghoxrin ewro u erbgha u sittin (€1,923.64) fix-xahar kif muri fil-payslip annessa mal-affidavit u mmarkata bhala Dok RB1. Fl-elfejn u hdax (2011) il-paga bazika tieghu kienet elf, disa' mija u tlett ewro u hamsa u erbghin centezmu (€1,903.45) kif muri fid-dokument anness u mmarkat bhala Dok RB2.

L-attur spjega li l-kumpanija Primrose Poultry Products Limited bhalissa qieghda *in liquidation*. Dan wara li George Borg, direttur tal-kumpanija wkoll fetah kawza biex il-kumpanija tieqaf topera. L-attur ma riedx li l-kumpanija tieqaf topera peress li kienet qed tirpilja u ghalhekk iddefenda dik il-karza peress li ma qabilx ma' George Borg. Madankollu l-Qorti laqghet it-talba biex il-kumpanija tigi likwidata u hatret lil Dr Galea Debono biex jagixxi ta' likwidatur. Fil-fatt is-sentenza nghatat fis-16 ta' Jannar 2012.

L-attur iddikjara li fl-4 ta' Frar, 2012 il-likwidatur Dr Galea Debono baghat email lill-avukat tieghu, li dak iz-zmien kien Dr Ian Vella Galea fejn talab li ssir laqgha biex jigi diskuss fost ohrajn, it-"*termination of any existing contracts of employment*". Huwa ssuggerixxa li l-laqgha ssir fit-13 ta' Frar 2012 f'nofsinhar. L-avukat Dr Ian Vella Galea nformah li wiehed mid-diretturi ma setax jattendi u talbu jipposponi l-laqgha ghal data ohra. Filfatt lanqas l-avukat tal-attur stess ma seta' jattendi. Madankollu l-likwidatur ma riedx jippostponi l-laqgha ghax qal li ma kienx ser ikun qieghed jiehu decizjonijiet magguri (kopji tal-emails rilevanti annessi mal-affidavit u mmarkati Dok RB3 – emails datati 4 ta' Frar 2012, 6 ta' Frar 2012 u 7 ta' Frar 2012).

Fit-13 ta' Frar 2012 saret din il-laqgha u prezenti kien hemm l-attur u hutu Anne Marie Spiteri, Karen Aquilina, Joanne Corbolan, Lucienne Curmi u Rachelle Borg u kif ukoll omm l-attur Antoinette Borg. L-attur ma kellux avukat ghax ma setghax jattendi. George Borg kellu lill-Avukat Louis Cassar Pullicino u lill-Avukat Kris Borg. Mary Borg kellha lill-avukat Dr Pierre Lofaro u kien hemm Dr. Antonio Tufigno ghal John Joseph Borg. Prezenti kien hemm ukoll Michael Vella, ex-direttur li kien bla avukat.

F’din il-laqgha, il-likwidatur spjega li ried jiehu idea tal-*assets* u *liabilities* tal-kumpanija u jaghmel lista taghhom. Filfatt kellu lista preparata diga. Spjega wkoll li ma kienux ser jittiehdu decizjonijiet imma kienu ser jaraw kif se jimxu ‘l quddiem. L-attur stqarr li f’din il-laqgha nqalghu hafna argumenti jaharqu kif kien hemm ukoll waqt il-kawza. Il-likwidatur ried lill-attur u lil George Borg biex jirrizenjaw. Huma kienu l-unika zewg impjegati li kien fadlilha l-kumpanija. L-attur kien ilu mpjegat mill-elf disa’ mija u tmenin (1980) filwaqt li George Borg kien impjega lilu nnifsu fl-elfejn u ghaxra (2010) wara li appunta lilu nnifsu direttur tal-kumpanija (ara dokumenti annessi u mmarkati bhala Dok RB4 u Dok RB5). Pero’ ma ntqal xejn iktar fuq dan is-suggett.

L-attur sostna li ma kienx hu li qajjem is-suggett tat-terminazzjoni tal-impjieg. Huwa cahad li offra r-rizenja tieghu minn jeddu u b’lura b’effett mis-16 ta’ Jannar 2012. Huwa ddikjara li din it-talba kienet minghand il-likwidatur li riedu jieqaf mix-xoghol ezistenti tieghu.

Dakinhar tal-laqgha filghaxija il-likwidatur baghat email fejn rega’ qal li jixtieq li kulhadd jaghmel dak li qieghed jitlob hu fl-*attachment* li baghat mal-email tieghu (kopja tal-email datata 13 ta’ Frar 2012 u li jinsab anness u mmarkat bhala Dok. RB6).

L-attur stqarr illi ghaddielu l-informazzjoni biex ihallsu l-paga li kellu jiehu pero’ l-likwidatur baqa’ jinsisti li huwa ried biss ikun jaf x’paga kien hemm dovuta sas-16 ta’ Jannar 2012 (kopja tal-email datat 7 ta’ Marzu 2012 anness u mmarkat bhala Dok RB7). Minkejja li baqa’ jitolbu jhallsu tal-paga peress li kien qed ibaghti hafna minghajr flus f’idejh biex jghix hu u familtu, il-likwidatur dam sal-14 ta’ April 2012 biex joffri l-pagament. Fuq insistenza tal-likwidatur baqa’ jsostni li se jhallas biss il-paga li kienet tasal sas-16 ta’ Jannar 2012 (email datata 14 ta’ April 2012 annessa u mmarkata bhala Dok RB8). Wara li l-attur tah l-indirizz fejn jibghatlu c-cekk, rega’ baghat email direttament lill-attur (datata 16 ta’ April 2012), minghajr ma baghtha lill-avukat tieghu, fejn staqsieh jekk kienx qed jaccetta l-kundizzjoni li jekk l-ammont li kien se jhallas kien ser jirrizulta iktar minn dak dovut, huwa jkollu jaghti rifuzjoni. L-attur stqarr li din il-kwistjoni beda jaraha stramba hafna pero’ l-ammont li kien qed joffrilu mhux talli kien dovut talli lanqas kien bizzejjed fil-fatt biex ikopri l-paga kollha li kellu jiehu. Ghalhekk l-attur irrispondieh b’email datata 17 ta’ April 2012 u qallu li l-ammont jaccettah bla pregudizzju ghall-ammonti l-ohra dovuti lilu (kopja tal-korrispondenza bl-email annessa u mmarkata bhala Dok RB9).

Wara l-attur ircieva karta mill-ETC li turi li l-likwidatur kien informa lill-ETC bit-terminazzjoni tal-impjieg tieghu, u bhala raguni tat-terminazzjoni kien hemm imnizzel “*Resigned*”. Huwa hadha bi kbira ghax dan kollu sar minn wara dahru u hu ma kienx irrizenja. Lanqas ma talbu jiffirma l-karta li kien ser jibghat lill-ETC li fuqha kien kiteb ir-raguni zbaljata tat-terminazzjoni tal-impjieg. L-attur appella mal-ETC biex ibiddel ir-raguni ghal *redundant* u filfatt rebah l-appell u r-raguni nbidlet.

Fl-ahhar nett l-attur spjega li l-ammont ta’ sebat elef mija u zewg ewro u erbghin centezmu (€7,102.40) li qed jitlob jirraprezenta elf seba’ mija u hamsa u sebghin ewro u sittin centezmu (€1,775.60) minnhom bhala paga bazika mis-16 ta’ Jannar 2012 sat-13 ta’ Frar 2012. Huwa qieghed jitlob mis-16 ta’ Jannar 2012 peress li l-likwidatur hallsu sa dik il-gurnata. Huwa qed jitlob paga sat-13 ta’ Frar 2012 peress li kien dakinhar li l-likwidatur talbu jieqaf mix-xoghol. Huwa qed jitlob is-somma ta’ hamest elef tlett mija u sitta u ghoxrin ewro u tmenin centezmu (€5,326.80) li jirraprezentaw tnax-il gimgha *notice* peress li l-likwidatur waqqfu immedjatament.

**Dr Pierre Lofaro** xehed fit-13 ta’ Novembru 2013 fejn iddikjara li huwa l-avukat ta’ wahda mix-*shareholders* u t-tifel ta’ din il-klijenta tieghu wkoll huwa *shareholde*r li jigi patrocinat minn Dr Antonio Tufigno. Huwa stqarr li ghalhekk ihalli l-aktar f’idejh f’din il-kawza. Huwa gie muri l-minuti esebiti fl-atti a fol 53 et seq tal-process u tenna li jekk il-minuti jghidu li huwa kien prezenti, il-probabilita’ hija li effettivament huwa kien prezenti. Filfatt din il-laqgha jekk ma kienx sejjer zball saret fl-ufficju fil-bini tal-Qorti. Mistoqsi min kien talab li ssir din il-laqgha wiegeb li ma jafx.

Mistoqsi minn kien ipprepara l-agenda msemmija a fol. 54 tal-process wiegeb li wisq probabbli saret minn Dr Galea Debono mill-ghamla tal-istess format, u ghalhekk wisq probabli dawn il-punti msemmija gew imressqa mill-istess Dr Galea Debono. Ix-xhud jimmagina li wara li kien gie nominat hu beda jara x’kienu l-problemi u beda jlestihom wiehed wiehed u dan sabiex jigu diskussi fil-laqgha, u fil-laqghat hafna minn dawn l-affarijiet effettivament ma gewx kontestati. Mistoqsi jekk l-atmosfera kienetx wahda ta’ qbil, wiegeb li le kien hemm kontestazzjonijiet, izda fuq hafna affarijiet ma kienx hemm problemi. L-aktar problemi li kien hemm kienu fuq pagi li kellhom jiehdu certu *shareholders*. Huwa jaf li kien hemm xi laqghat fejn gew diskussi l-impjiegi tan-nies, specjalment kien hemm xi tnejn minn hut Robert Borg li kienu ghamlu xi xoghol ghall-kumpanija u kienu qed jippretendu xi hlas. Issa meta wiehed iqis it-talbiet taghhom hdejn l-assi u l-krediti l-ohra dawn kienu affarijiet zghar. Pero’ naturalment ghalihom kienet importanti. Mistoqsi minn kien qajjem il-problemi dwar l-impjieg ta’ Robert Borg wiegeb li ma jafx jekk kienx hu jew inkella l-likwidatur. Pero’ jaf li sema’ kliem u diskussjoni fuq in-*notice money*, pero’ ma jafx jekk kienx fil-konfront ta’ Robert Borg jew le. Huwa ma jafx li Robert Borg f’xi hin jew f’xi mument qatt irrinunzja ghal xi claim minn tieghu, qal li filfatt hadd ma rrinunzja.

Ix-xhud saritlu referenza in kontro-ezami ghal minuti dwar il-laqgha li saret fit-13 ta’ Frar 2012 u propju dak li hemm indikat a fol 57 tal-atti, certament ghal ahhar parti taghha fejn hemm miktub intitular ta’ *employees* fejn hemm miktub li Robert Borg u George Borg kellhom jissottomettu r-*resignation* taghhom lill-likwidatur u dan bla pregudizzju ghall-arretrati tas-salarji taghhom. Huwa fil-fatt kien diga qal fix-xhieda tieghu principali li huma ma kienux irrinunzjaw ghal passat jew ghal dak li kien dovut lilhom. Huwa ma jidhirlux li f’xi laqgha li nzammet wara din, Robert Borg jew id-difensur tieghu qalu li l-minuti kienu miktuba hziena. Jekk mhux sejjer zball ix-xhud, wara din il-laqgha kienu

nzammu xi tnejn jew tlett *meetings* ohrajn u dejjem fl-ufficcju ta' Dr Galea Debono. Mistoqsi jekk effettivament George Borg kienx issottometta r-rizenja tieghu wiegeb li ma jafx.

**Dr Richard Galea Debono** xehed fit-8 ta' Jannar 2014 fejn iddikjara li s-socjeta' Primrose Poultry Products kienet giet dikjarata b'fazi ta' *stralc* b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Jannar 2012 u huwa kien gie nominat mill-Qorti bhala likwidatur. Fl-4 ta' Frar 2012 huwa kien sejjah laqgha tal-partijiet li dehrlu li huma nteressati, principalment kienu shareholders, diretturi u ex-diretturi u fl-agenda provizorja li hejja ghal din il-laqgha huwa nizzel specifikament *termination of existing employment contracts*. Huwa rrefera ghal dokument parti minn Dok. RB3 li gie ezebit mill-attur li huwa *email thread*. Fl-ahhar pagna hemm miktub erba' affarijiet li kellhom bzonn jiddiskutu u l-ahhar linja hija *termination of any existing contracts of employment*. Dan id-dokument jinsab a fol 47 tal-process. Dr Galea Debono kkonferma li kien ircieva email minghand l-avukat Dr. Ian Vella Galea li dak iz-zmien kien jirraprezenta lis-Sur Robert Borg li qallu "*isma jien ma niflahx*" ghax ix-xhud kien sejjah il-laqgha ghat-13 ta' Frar, 2012 u qallu li kienet importanti li ssir il-laqgha izda ma kienux ser jittiehdu xi decizjonijiet radikali.

Ix-xhud spjega li meta saret il-laqgha attendew in-nies li jidhru elenkati fil-minuti tal-laqgha li wkoll gew esebiti mill-attur bhala Dokument RB6 esebiti a fol 54. Din il-laqgha kienet pjuttost twila u jahseb li damu aktar minn siegha. Huwa ghamel referenza ghall-ahhar parti ta' dan id-dokument fejn fl-ahhar kaxxa isfel nett hemm miktub "*noting that the last two remaining employees who were Robert and George Borg would accept that their employment after the court decree is futile*" u "*Robert Borg and George Borg to submit resignations to liquidator without prejudice to arrears of salary*". Ix-xhud spjega li kien qara x-xhieda tal-attur Robert Borg fejn tenna li din ma accettahiex u li ma kienx cert ta' x'kien qed jinghad u x'ma kienx qed jinghad. Ix-xhud iddikjara li ma jaqbilx ma' dan. Huwa tal-fehma li tkellmu car u li kulhadd kien jaf x'kien qed jigri. Filfatt din il-laqgha kienet wahda mqanqla. Ix-xhud sostna li kienu saru hafna oggezzjonijiet biss f'din il-parti ma kienx hemm oggezzjonijiet. Dakinhar stess huwa baghat il-minuti li kien ghamel b'email lil diversi nies liema email giet ezebita mill-kontro-parti. Huwa tenna li baghat l-email lil numru ta' avukati ghax ma kellux email ta' kulhadd pero' baghtha specifikatament ukoll lil Robert Borg. Filfatt mal-*email addresses* jidher R. Borg. Dan id-dokument jinsab inserit fl-atti a fol 58 immarkat bhala Dokument RB7 u f'din l-email ix-xhud infurmahom li qed jibghatilhom il-minuti tal-laqgha u min dehrlu li hemm xi haga mhix korretta kellu jinformah.

Huwa kien gibdilhom l-attenzjoni biex joqghodu attenti ghall-ahhar kolonna li kienet l-*action column* biex kulhadd jaghmel dak li kien wieghed li se jaghmel. Fl-*action column* filfatt kien hemm imnizzel li Robert Borg u George Borg kellhom jaghtuh ir-rizenja.

Ix-xhud stqarr li George Borg kien tahielu r-rizenja u filfatt esebixxa kopja tad-dokument. Sfortunatament ma jistax isib l-original tad-dokument pero' kiseb kopja minghand is-Sur Borg u esebixxa lilha. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument RGD. Huwa esebixxa wkoll

kopja tat-*termination of employment* tal-ETC li giet immarkata bhala Dokument RGD1. Ix-xhud spjega li fil-21 ta' Frar u cioe' xi gimgha wara l-laqgha s-Sur George Borg li kien *co-director* mas-sur Robert Borg kien baghtlu r-rizenja kif miftehmin bl-effett ta' 16 ta' Jannar 2012. Huwa esebixxa wkoll it-*termination form* tal-ETC.

Ix-xhud tenna li waqt li kien qed jistenna r-rizenja ta' Robert Borg kien hemm bicca xoghol ohra x'issir u cioe' li jinhadmu l-arretrati tal-pagi. F'dawn l-arretrati riedu jinhadmu wkoll xi arretrati mal-Inland Revenue Department u mas-Sigurta' Socjali li ma kienux ftit u sakemm l-accountant tax-xhud Michael Sciortino ikkuntatja lil Inland Revenue Department biex isir jaf x'dokumenti kien hemm neqsin u x'returns kienu baghtu lahqu ghaddew ix-xhur u minn Frar waslu vicin April. Huwa rranga s-sitwazzjoni rigward it-taxxa u l-kontribuzzjoni tas-Sigurta' Socjali taghhom li jigu ziju u neputi ta' xulxin. Is-Sur George Borg jigi z-ziju tas-Sur Robert Borg. Ix-xhud kitbilhom sabiex jinfurmahom li huwa ghandu l-arretrati ghalihom u ser jibghathomlhom. Huwa nfurma lil Robert Borg li ser jibghatlu l-paga u talbu jikkonfermalu li kollox sewwa. Huwa sostna li fdah ghax kien minghalih li ftehmu li ser jirrizenja izda ftit zmien wara li baghtlu c-cekk tal-paga huwa ghamillu din il-*claim.* Ix-xhud stqarr illi ma jiftakarx kemm kien ic-cekk pero' ma kienx ammont zghir ghax tas-Sur George Borg biss kien iktar minn sittax-il elf ewro. Dawn l-arretrati huma sas-16 ta' Jannar, 2012. Ix-xhud iddikjara li l-attur m'ghandux dovuti lejh *redundancy money* peress li rrizenja jew kellu jirrizenja skont il-ftehim. Huwa c-cekk sarrfu u x-xhud jahseb li tah xi erbatax-il elf ewro.

**Dr Richard Galea Debono** xehed fit-12 ta' Frar, 2014 fejn ghamel referenza ghall-udjenza tad-19 ta' Gunju 2013 li tibda minn fol 19 tal-process. Dakinhar kienu gew zewg persuni fir-rigward ta' appell li kien ghamel l-attur quddiem in-National Employment Authority. Huwa stqarr li la hu u lanqas il-kumpanija ma kienu gew imsejhin biex jidhru quddiem dan il-bord. Dawn xehdu li kien hemm xi appell mill-attur li jinkludi d-*designation* li kien hemm fuq il-formola li kien baghat il-konvenut minn *resigned* ghal *terminated*. Dan xehdu fis-sens li sar dan l-appell u l-appell intrebah u filfatt imtliet din il-formola. Huwa l-ewwel darba li sar jaf b'dawn il-proceduri huwa meta ra x-xhieda ta' dawn is-sinjuri. Huwa ghamel referenza a fol 25 tal-process fejn hemm imnizzel li quddiem il-bord kien imharrek Michael Vella li huwa citat ghan-nom u in rapprezentanza ta' Primrose Poultry Products Limited. Huwa assigura lill-Qorti li mhux cert li dan Michael Vella kienx direttur qabel ma' rrizenja pero' kellu xi konnessjoni mal-kumpanija pero' dakinhar jaf zgur li ma kienx in rapprezentanza tal-Primrose Poultry Products ghax ir-rapprezentanza kienet f'idejh bhala Chairman. Pero' huwa ma jafx min incitah jekk hux l-awtorita' jew le.

**Dr Richard Galea Debono** xehed in kontro-ezami fis-17 ta' Settembru 2014 fejn saritlu referenza ghall-inventarju ezebit fl-atti a fol 77 et sequitur tal-process. Huwa spjega li effettivament kellu hafna assistenza minn Dr Kris Borg fil-kumpilazzjoni ta' dan l-istess dokument. Pero' x-xhud jidhirlu li huwa kien finalizzah wara li kellhom l-ewwel jew it-tieni laqgha fejn kien hemm membri tal-familja prezenti. Ghalhekk id-dokument in kwistjoni ma giex redatt minn Dr Kris Borg. Ix-xhud iddikjara li huwa qed jiehu responsabilita' ta' dan id-dokument. Dan id-dokument effettivament m'huwiex inventarju per se jigifieri jikkostitwixxi biss lista tal-assi. Pero' kkonferma illi Dr Kris Borg ghen hafna

fil-kumpilazzjoni ta' dan l-istess dokument. Dan id-dokument huwa hejjieh fuq informazzjoni illi principalment giet min naha ta' Dr Kris Borg ghalkemm giet esposta u dibattuta mill-membri tal-familja kollha u jista' jkun li effettivament sar xi tibdil fiha wkoll. Huwa minnu li huwa rcieva *attachment* minn Dr Kris Borg u huwa bena fuqu. Mistoqsi jekk irceviex qabel il-laqgha tat-13 ta' Frar tas-sena 2012 jew wara wiegeb li dwar dan mhux cert. Qed issirlu referenza ghall-*email* mibghuta minnu li tinsab inserita fl-atti a fol 48. Huwa kkonferma li originarjament id-dokument li diga xehed fuqu kien gie preparat minn George Borg. Huwa kkonferma li qabel dik il-laqgha huwa kien baghat kopja tad-dokument li kien ircieva minghand George Borg, pero' jekk hix l-istess kopja li effettivament hemm ezebita l-Qorti dan ma jistax jikkonfermah.

Pero' x-xhud ikkonferma li huwa ma qalilhomx dan id-diskors. Huwa fehem illi jekk huma ma qablux maghha kellhom jgharrfuh. Huwa minnu wkoll li huwa din l-*email* ma baghathiex lill-avukat ta' Robert Borg ghalkemm baghat kopja direttament lil Robert Borg. Huwa jaqbel ukoll illi dan kien fih paga sas-16 ta' Jannar 2012 u ma kienet tikkontjeni l-ebda *notice money* u lanqas il-paga tas-16 ta' Jannar sat-12 ta' Frar. Huwa jaqbel ukoll li fis-seduta tat-13 ta' Frar ma saret l-ebda referenza ghal *notice* jew *period money* u dan ghax iz-zewg diretturi accettaw li kienu ser jirrizenjaw b'effett mis-16 ta' Jannar u dik kienet il-*cut off date* li kienet il-gurnata meta' nghatat is-sentenza l-Qorti u huwa gie appuntat bhala likwidatur. Huwa ma hassx il-bzonn li jispjega li effettivament kien hemm din il-kwistjoni tan-*notice money* u dan ghax il-kumpanija qabel is-16 ta' Jannar 2012 kienet ilha maghluqa u d-diretturi ma kellhomx x'jaghmlu tul il-perjodu tal-kawza li damet pendenti sena u nofs jew sentejn u ghalhekk hass li kien aktar minn gust illi ghall-perjodu meta' huma m'ghamlu xejn xorta thallsu tieghu u fehem illi dawn huma accettaw. Filfatt George Borg hekk kien ghamel u l-istess diskors li qal George Borg qalu wkoll Robert Borg. Huwa fl-ebda lok ma semma li Robert Borg kien ser jirrinunzja ghal sebat elef ewro u dan ghax wahda mill-*action points* fil-minuti kienet ir-rizenja tad-diretturi a fol 57.

Ix-xhud ikkonferma d-dokument ezebit fl-atti a fol 59, u tenna li dan gie mibghut minnu. Il-kliem *full and final settlement* m'huwiex f'dan id-dokument ghalkemm huwa fehem hekk u dan peress illi fil-kuntest li huwa kien ser jirrizenja meta' huwa qed jibghatlu l-paga sas-16 ta' Jannar tfisser li kienu qeghdin jaghlqu l-ktieb tieghu rigward l-impjieg tieghu. Effettivament Robert Borg lilu qatt ma semmielu kwistjonijiet ta' *notice* pero' huwa minnu li huwa accetta dan ic-cekk bla pregudizzju ghal kwalsiasi pretenzjoni li seta' kellu ulterjorment. Jista' jkun illi l-formola tal-ETC huwa ffirmaha f'Marzu ghalkemm huwa spicca l-impjieg tieghu f'Jannar. Mistoqsi jekk baghatx kopja tal-formola tal-ETC lil Robert Borg wiegeb illi ma jiftakarx. Huwa kkonferma illi Robert Borg qatt ma baghtlu r-rizenja bil-miktub. Pero' fil-frattemp wara d-decizjoni li kienu hadu flimkien qatt ma qallu li ma kienx ser jirrizenja. Huwa ddikjara li Robert Borg fdah ghaliex billi ma qallu xejn u huwa qaghad fuq l-irgulija tieghu tenna li l-mument li rcieva c-cekk ghamel il-*claim*. Sa fejn jaf hu l-formola tal-ETC tigi ffirmata mill-*employer* mhux mill-impjegat.

Ix-xhud iddikjara li din ma kienet decizjoni ta' hadd hlief tieghu illi effettivament George Borg u Robert Borg jitterminaw l-impjieg taghhom. Dan kien suggeriment tieghu peress li dehrlu li

effettivament huma ma kienu qeghdin jaghtu ebda assistenza lill-kumpanija. Huwa kkonferma li fit-13 ta' Frar 2012 Robert Borg ma kienx assistit waqt il-laqgha li kellhom waqt li George Borg kien assistit permezz ta' zewg avukati. Dr Vella Galea kien talab lix-xhud biex ihassar is-seduta pero' sostna li huwa ma setghax ihassarha u l-laqgha saret xorta. Ix-xhud gie muri ittra datata 7 ta' Mejju tas-sena 2012 li hija mmarkata bhala Dokument Z. Din l-ittra giet mibghuta minnu u huwa kkonferma l-kontenut taghha. Huwa ma jafx jekk hux minnu li huwa kiteb lil Robert Borg biex jikkonfermalu li kollox kien sew pero' accerta ruhu li effettivament huwa l-paga kien baghatielu. Ix-xhud ma jafx jekk baghatx ittra jew le flimkien mac-cekk. Huwa kkonferma li Michael Vella kien prezenti waqt il-laqgha. Hu veru li mhux imsemmi li kien prezenti pero' x-xhud ikkonferma li kien prezenti waqt il-laqgha ghalkemm fil-fehma tieghu ma kellu l-ebda locus standi.

**Dr Kris Borg** xehed fit-12 ta' Frar, 2014 fejn iddikjara li Robert Borg huwa l-prim kugin tieghu, missier ix-xhud u missier l-attur huma ahwa. Huwa spjega li missieru, missier Robert Borg u ziju iehor li llum huwa mejjet Albert kienu azzjonisti fis-socjeta' Primrose Poultry Products Limited. Is-socjeta' Primrose Poultry Products Limited kellha bhala nteress taghha l-*poultry*, u f'xi 2007 kienet bieghet il-*poultry* taghha u ghalhekk l-oggettiv li ghalih kienet giet stabbilita in effettiv kienu spiccaw. Dak iz-zmien kien hemm l-inkwiet bejn missieru u John Borg, u missieru kien ghamel kawza kontra Robert Borg u fil-fatt il-kumpanija kellha tigi likwidata. Il-kumpanija kienet giet likwidata fis-16 ta' Jannar 2012 u Dr Galea Debono kien gie appuntat likwidatur. Jiftakar li dak li gara kien dan li immedjatament li Dr Galea Debono gie appuntat likwidatur kien talabhom jaghtuh *statements* tal-*assets* u *liabilities* li kien hemm, fosthom jekk kienx hemm xi mpjegati jew le. Fost il-lista li tawh kien hemm lista li din il-kumpanija kellha zewg impjegati biss, u dawn kienu Robert Borg u George Borg, tawh ukoll *workings* ta' kemm kellhom jithallsu ghall-pagi taghhom *outstanding* minn Gunju 2011 sad-data tal-likwidazzjoni jigifieri sas-16 ta' Jannar 2012, u Dr Galea Debono iccirkula din lill-avukati tal-partijiet kollha. Issa li gara kien li ssejjah *meeting* ghall-azzjonisti kollha u anke ghat-tfal ta' John Borg ghax is-*shareholdings* ta' John Borg qatt ma ghadda fuq it-tfal tieghu ufficjalment. Il-laqgha nzammet fit-13 ta' Frar. F'dik il-laqgha jaf li ntqal kumment minn Dr Pierre Lofaro li kien l-avukat ta' May Frances Borg li tigi l-mara tal-mejjet Albert Borg, li naturalment kellha nteress li l-impjegati tal-kumpanija ma kellhomx jibqghu mpjegati hekk mal-kumpanija, naturalment ghaliex kienu qed jiehdu salarju ta' xejn. Fil-fatt kienet saret talba biex ikun hemm *resignation* ta' dawn iz-zewg impjegati.

Kien hemm qbil li kemm George Borg kif ukoll Robert Borg kellhom jirrizenjaw mill-kumpanija. Fil-fatt sussugwentament f'dik il-laqgha George Borg kien mela r-*resignation form*. Il-qbil kien li r-*resignation* taghhom kellha tkun mis-16 ta' Jannar 2012, u jaf li George Borg kien baghat ir-*resignation* tieghu lil Dr Galea Debono kif kien il-ftehim. Jidhirlu li Robert Borg dakinhar ma kienx gab avukat mieghu ghal dik il-laqgha. In segwitu ta' dawn il-minutes li kienu gew iccirkolati huwa kien baghat lil Dr. Galea Debono d-dokumentazzjoni li kien obbliga ruhu li jaghmel.

Huwa jiftakar li xahar wara fit-12 ta' Marzu 2012 kienet inzammet laqgha ohra, din id-darba pero' fl-ufficcju ta' Dr Galea Debono, u bdew jaraw x'kien sar wara mill-laqgha precedenti u x'kien fadal

pendenti. Din il-kwistjoni ta' mpjieg ta' Robert Borg u George Borg ma kienitx *issue* dakinhar, jghid li kienet issemmiet pero' ma kienetx *issue*. L-avukat propju ta' George Borg kien Dr Louis Cassar Pullicino, pero' naturalment huwa jassistih fl-interess ta' missieru stess. Huwa ma kkonsultax ma' Robert Borg dwar jekk kellux jirrizenja jew le. Jekk intqalx xi diskors jekk kienx ser jirrezenja jew le huwa qal bil-gurament li ma jiftakarx, pero' l-ftehim kien, li jekk ftehmu kulhadd, li dawn iz-zewg impjegati kienu ser jirrizenjaw. Din ikklarifikat ruha ghax fil-laqgha sussugwenti li nzammet fl-ufficcju ta' Dr Galea Debono, kien hemm prezenti l-ahwa tal-istess Robert Borg, pero' dawn ma kienux impjegati ta' Primrose Poultry Products izda ta' kumpanija ohra PGT Company Limited li kellhom issues dwar hlas tas-salarju taghhom f'dik l-istess kumpanija. Sa dak l-istadju kienu taw il-*workings* taghhom ta' kemm kellu jiehu George Borg sas-16 ta' Jannar 2012. Fil-fatt dakinhar jiftakar li Dr Galea Debono kien iddikjara li missier ix-xhud kellu jithallas somma waqt li Robert Borg kellu jithallas somma ohra. Dak il-hin stess Robert Borg kien dar fuq hutu, u ghamel referenza ghal missieru u qal 'ara dak ser jibqa' jithallas sas-16 ta' Jannar 2012'. Is-sitwazzjoni ta' missieru u ta' Robert Borg kienet identika'. Id-differenza kienet li missieru kellu salarju ftit aktar minn ta' Robert Borg.

Il-kawza li giet inciza minn missier ix-xhud kienet li missieru kien l-attur waqt li Robert Borg kien il-konvenut flimkien mas-socjeta' Primrose Poultry Products Limited u zewg diretturi ohra li ma kienux impjegati tal-kumpanija. Qbil bejniethom Robert Borg u George Borg ma kienx hemm f'dik il-kawza. Missieru kien ilu mpjegat ma' din is-socjeta Primrose Poultry Products Limited miz-zminijiet ta' sittinijiet u sebghinijiet.

Ix-xhud saritlu referenza ghal Dok RB1 li jinsab inserit fl-atti a fol 51 u qal li din id-*date of commencement* li effettivament George Borg beda fl-elfejn u ghaxra (2010) hija koretta ghax missieru kien waqaf mix-xoghol u kien rega' beda' mal-istess socjeta'. Ix-xhud esebixxa kopja tal-*attachement* li kien baghat lil Dr Galea Debono qabel ma effettivament kellhom il-laqgha tat-13 ta' Frar 2012. Dan id-dokument gie mmarkat mill-qorti bhala Dokument KB. Din hija l-istess *attachment* li kienet giet cirkulata mill-avukat tal-partijiet fl-1 ta' Frar 2012. Dawn il-*workings* dwar is-salarji ndikata f'din l-istess *attachment.* Huwa ma jidhirlux li effettivament Robert Borg qal li kien ser jirrinunzja ghal xi *grants* fil-laqgha, fis-sens li Dr Galea Debono kien dar fuqhom cioe' referenza ghal Robert Borg u George Borg biex jikkonferma li effettivament kienu ser jirrizenjaw, u hadd minnhom ma qal le, u x-xhud fehem minnufih li dawn it-tnejn kienu ser jirrizenjaw. Pero' diskors car, iva jien ser nirrezenja hadd minnhom ma qal. Huwa fehem li effettivament Robert Borg ma baghatx l-ittra tar-rizenja tieghu, ghalkemm ikkonferma li George Borg kien baghatha tieghu. Effettivament fl-ebda hin ma kellem dwar dan lil Robert Borg, pero' l-ittra mhux lilu kellu jibghatha. May Frances Borg, l-armla ta' Albert Borg, hut Robert il-bniet hassu li kienet ingustizzja li kieku Robert Borg u George Borg baqghu jiehdu salarju meta effettivament il-kumpanija ma kienetx qieghda tiffunzjona. Il-kawza in kwistjoni ta' likwidazzjoni kienet damet ghaddejja xi erbatax-il xahar. Naturalment f'dak il-perjodu kienu qed jithallsu xorta. Mistoqsi min kien prezenti ghal laqgha li saret fl-ufficcju ta' Dr Galea Debono f'Marzu 2012 qal li kien hemm uhud mill-bniet, hut Robert Borg fosthom Karen Aquilina, Dr Louis Cassar Pullicino, u x-xhud stess. Huwa mhux cert jekk May Frances Borg u l-avukat taghha kienx hemm jew le, pero' jaf li kien gie certu Michael Vella.

Michael Vella kien direttur tal-Primrose Poultry Products Limited, ghalkemm ma kienx impjegat taghha, pero' kien konvenut fil-kawza ta' *liquidation*. Pero' Robert Borg kien prezenti. Ma jidhirlux li Robert Borg kien assistit waqt din il-laqgha. Fil-kawza li kienet qed tinzamm dwar il-likwidazzjoni Robert Borg kien assistit minn Dr Ian Vella Galea. Jaf ukoll li kienet inzammet xi laqgha ohra f'Mejju 2012 u jekk mhux sejjer zball f'din l-istess seduta Robert Borg kien deher flimkien ma' Dr Mark Portelli. Fil-fatt jahseb li f'din il-laqgha li nzammet f'Mejju, kienet laqgha bejn l-avukati u l-partijiet ma kienux prezenti. Jaf li f'din il-laqgha kienet tqajjmet din l-*issue* dwar in-*notice money* minn Dr Mark Portelli.

In ri-Ezami x-xhud gie mistoqsi jekk effettivament l-*issue* li kien qajjem Dr Mark Portelli kienetx tirrigwarda l-kwistjoni ta' *notice money* jew kienetx xi haga ohra wiegeb li ma jafx peress li kien hemm diversi *issues* pendenti pero' llum-il gurnata nesa liema *issue* kienet.

**George Borg** xehed nhar is-26 ta' Frar 2014 u kkonferma li kien intavola kawza kontra s-socjeta' Primrose Poultry Products fejn kien qed jitlob il-likwidazzjoni ta' din l-istess socjeta' u t-talba tieghu kienet giet milqugha u l-Qorti b'sentenza taghha kienet innominat lil Dr Richard Galea Debono bhala stralcarju. Spjega li kien jokkupa l-kariga ta' Direttur tas-socjeta' Primrose Poultry Products u kien ukoll impjegat. Jiftakar li wara li Dr Richard Galea Debono kien gie nominat bhala stralcarju huwa kien ghamel *meeting* sabiex jiltaqa' ma' min kien ikkoncernat u dan sabiex jiehu xi dettalji minn ghandhom u jaghtihom xi nformazzjoni ulterjuri. Jiftakar li effettivament dan il-*meeting* kien sar, u kien sar f'wiehed mill-ufficini fil-bini tal-Qorti. Prezenti ghal din il-laqgha kien hemm ix-*shareholders* kif ukoll l-avukati rispettivi taghhom. Jiftakar li waqt din il-laqgha kien tqajjem is-suggett, dan fil-fatt kien tqajjem minn diversi shareholders li qalu li ma kienx gust li una volta l-kumpanija kienet likwidata huwa u Robert Borg ikomplu jithallsu u jiddrainjaw il-kumpanija u ghalhekk ftehmu u accettaw li kemm hu kif ukoll Robert Borg jaghtu t-*termination* taghhom *back dated* ghas-16 ta' Jannar 2012.

In segwitu ghal din il-laqgha kien baghat ir-*resignation* tieghu u fil-fatt kien  thallas l-arretrati sa dakinhar stess u cioe' sas-16 ta' Jannar 2012. Mistoqsi jekk effettivament l-avukat ta' Robert Borg kienx prezenti ghal din il-laqgha dakinhar, jghid li dawk iz-zminijiet jekk jiftakar sewwa Robert Borg kien qieghed ikun assistit minn Dr Vella Galea. Pero' mistoqsi jekk Dr Vella Galea kienx prezenti ghal din il-laqgha, wiegeb li le dan l-avukat ma kienx prezenti. Zgur pero' li Dr Portelli ma kienx hemm. Jghid li fost in-nies li talbu r-rizenja taghhom kien hemm hut Robert stess, il-mara ta' huh May Borg, Joseph Borg u kien hemm ukoll hut il-bniet ta' Robert li qalu li ma kienx gust li huma jkomplu jithallsu meta l-kumpanija kienet *in liquiditation*. Naturalment Robert Borg ma talabx lilu nnifsu biex jirrezenja. Ix-*shareholders* l-ohra talbu r-rizenja taghhom u jghid li dawn ma kienux impjegati ta' Primrose Poultry Products.

Huwa thallas ghall-arretrati tal-impjieg tieghu fil-21 ta' April 2012, u fil-fatt ircieva ricevuta minghand Dr Galea Debono fit-18 ta' April 2012. Mistoqsi jekk kienx gie mitlub jaghmel xi dikjarazzjoni una

volta thallas ghas-saldu tal-pretenzjoni tieghu wiegeb li le. Jghid li minn jeddu huwa qabad u baghat ricevuta. Fil-fatt kien baghat ricevuta ghas-saldu tal-arretrati li kien dovut.

In segwitu kellhom laqgha ohra u ma ssemma xejn dwar ir-rizenja taghhom. Fit-tieni laqgha pero' Dr Portelli kien prezenti. It-tieni laqgha nzammet qabel ma kien ircieva l-hlas pero' wara li kien baghat ir-rizenja tieghu. F'din it-tieni laqgha ma kien hemm l-ebda diskors dwar il-kwistjoni tar-rizenji. Jispjega li kien wiehed mill-fundaturi tas-socjeta' Primrose Poultry Products, lejn l-ahhar tas-sena 1950 flimkien ma' huh John. Fis-sena 1969 kienu marru bhala Primrose Poultry Products Limited, pero' fis-sena 2001 huwa ma baqax jidher fuq il-kotba peress li kien bil-pensjoni pero' xorta wahda baqa' jithallas. Pero' sabiex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu fit-18 ta' Ottubru 2010 mexa fuq avvizi legali u rega' mpjega ruhu mal-kumpanija. Huwa bhala direttur, *first director* skont l-Articles of Association kellu dritt jerga' jappunta ruhu, u hekk ghamel. Jghid li fl-istess sena li impjega ruhu, fetah il-kawza biex ikun hemm likwidazzjoni. Jghid li dakinhar il-konversazzjoni taghhom kienet fis-sens biss li t-*termination* tkun sas-16 ta' Jannar 2012 u cioe' tad-data tas-sentenza tal-Qorti.

In-*notice money* ma ssemmietx u lanqas *notice period* ma ssemma. Lil Dr Galea Debono baghatlu r-rizenja tieghu kif kienu ftehmu u sussugwentament ricevuta tal-hlas. Ghalih huwa mexa kif suppost, u cioe' skont il-ftehim li kellhom. Apparti r-rizenja Dr Galea Debono ma talbu ghal ebda dikjarazzjoni ohra. La hu u lanqas Robert ma oggezzjona biex jirrizenjaw fil-prezenza tieghu. Qabel ma baghatlu c-cekk Dr Galea Debono, huwa ma talbu ghall-ebda dikjarazzjoni ohra.

Rat in-nota ta' sottomissjoni ta' l-attur prezentata fl-atti nhar is-6 ta' Novembru 2014 u dik prezentata mill-konvenut nomine nhar it-3 ta' Dicembru 2014.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza u dan fis-seduta ta' nhar is-7 ta' Jannar 2015 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi migbura.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghas-segwenti kawza kienu s-segwenti:

1. Illi l-attur flimkien ma' George Borg kienu l-ahhar zewg impjegati tas-socjeta' Primrose Company Limited li giet dikjarata xolta b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 16 ta' Jannar 2012.

2. Illi din il-Qorti kienet innominat lil Dr Richard Galea Debono bhala stralcjarju ta' din l-istess socjeta' Primrose Company Limited permezz tal-istess sentenza appena citata.

3. Illi ghalhekk in segwitu tan-nomina tieghu Dr Richard Galea Debono kien ippropona laqgha ghad-diretturi u *shareholders* kollha tas-socjeta' u dan permezz ta' e-mail datata 4 ta' Frar 2012 esebita fl-atti a fol 48 fejn fost affarijiet ohra kien indika li xtaq li jiddiskuti '*termination of existing contracts of employment*', fejn kif jirrizulta mill-istess kliem tal-email.

4. Illi jidher li Dr Ian Vella Galea li kien qed jidher ghall-attur dak iz-zmien talab li l-laqgha li kienet proposta li ssir fit-13 ta' Frar 2012 tigi differita minhabba l-indisposizzjoni ta' wiehed mid-Diretturi pero' cio' nonostante l-konvenut nomine xtaq ikompli ghaddej b'din il-laqgha kif muri fl-email mibghuta minnu lil kull min koncernat fosthom ukoll lil Dr Ian Vella Galea (vide Dok. RB3 a fol. 47 tal-atti) fejn gie ndikat li kellhom jaraw jekk l-istatement dwar '*l-assets and liabilities'* li kien preparat minn George Borg kellux jigi korrett u in oltre ddikjara li ma kienux ser jittiehdu xi decizjonijiet magguri.

5. Din il-laqgha saret fit-13 ta' Frar 2012 u ghaliha attendew diversi nies fosthom l-attur inassistit, George Borg li kien assistit minn zewg avukati, hut Robert Borg ukoll inassistiti, May Frances Borg assistita minn Dr Pierre Lofaro u Dr Antoine Tufigno li kien qed jidher ghal binha John Joseph Borg kif jidhru mill-minuti tal-laqgha prezentati fl-atti markati bhala Dok RB6 a fol. 54 tal-process.

6. Fost affarijiet ohra f'din il-laqgha kien sar diskors illi l-attur u George Borg kellhom jibghatu r-rizenja taghhom u dan ghaliex ma kienx ghad hemm

skop li jibqghu registrati fuq il-kotba tal-kumpanija meta ma kienx hemm xoghol.

7. Dakinhar filghaxija Dr Richard Galea Debono baghat tramite email datata 13 ta’ Frar 2012 esebita fl-atti a fol. 53 kopja tal-minuti tal-laqgha li kienet inzammet aktar kmieni dakinhar stess lil kull min kien prezenti fejn hemm deskritt il-mizuri li kellhom jittiehdu fl-interess tal-kumpanija u dan fi zmien it-tlett xhur li kien gie moghti mill-Qorti permezz tas-sentenza fuq imsemmija.

8. Jinghad li f’din l-istess email Dok. RB6 li giet indirizzata wkoll lill-attur u lil George Borg fost ohrajn kien hemm mitlub sabiex kull min hu koncernat kellu ‘*look at the right hand side of the attachment (the minutes) and do take note of the requirements. The quicker is flow of information the quicker I will be able to carry out my work. So your co-operation is in your own interest.*’ U jikkonkludi billi jghid ‘*Kind regards and please let those of you who are on the actions list give me their quickest co-operation’*.

9. Jinghad li fl-ahhar kolonna a fol. 57 tal-atti hemm imnizzel li “*Noted that the two last remaining employees are Robert and George Borg. Both accept that their employment after the court decree is futile.*” U ghalhekk taht il-kolonna ntestata ‘Action by’ hemm indikat “*Robert Borg and George Borg to submit resignations to liquidator without prejudice to arrears of salary*” (fol. 57)

10. Jinghad li qabel mal-likwidatur fil-fatt baghat il-pagament lill-attur, huwa baghtlu email datata 14 ta’ April 2012 (Dok RB8 a fol.59) fejn kien infurmah li l-ammont li kellu jircievi kien fl-ammont ta’ erbatax-il elf, mija u erbgha u tmenin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€14,184.82) u dan taht il-kundizzjoni “*that if it should at some future date transpire that the*

*amount is not fully due, then you oblige yourself to refund any difference. I shall impose the same condition on George Borg*."

11. Illi l-attur wiegeb ghal din l-email nhar is-17 ta' April 2012 billi qal lil Dr Richard Galea Debono li kien lest li jaccetta din is-somma '*without prejudice to any other ammounts due to me*'.

12. Illi minkejja din l-email jidher li l-likwidatur Dr Richard Galea Debono fis-17 ta' April 2012 hallas lill-attur l-arretrati tal-paga tieghu sas-16 ta' Jannar 2012 (vide Dok. RB9).

13. Dwar dawn il-fatti ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni.

Illi pero' dwar dak li sehh fir-rigward tar-raguni tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur jidher li hemm xi dizgwid bejn il-partijiet. Joseph Saliba rapprezentant tal-ETC xehed (fol. 32) u qal li huma kienu rcevew it-*termination form* iffirmata mil-likwidatur nhar it-23 ta' Marzu 2013 fejn kien gie ndikat lilhom li r-raguni ghat-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur kienet li 'rrizenja' (Dok. Y a fol. 33).

Illi pero' l-attur ma kienx kuntent b'din is-sitwazzjoni tant li ntavola appell quddiem in-National Employment Authority u dan ghaliex stqarr kif jirrizulta mill-ittra mibghuta minnu lin-National Emplyment Authority (fol. 27) li '*he was made redundant'.*

Illi in segwitu kien intavola appell quddiem l-Employment Commission Authority sabiex ibiddel ir-raguni tat-terminazzjoni tieghu u din giet milqugha.

Dr Richard Galea Debono jghid li huwa bhala likwidatur lanqas kien jaf b'dawn il-proceduri u dan ghaliex kien gie notifikat bihom certu Michael Vella li dak iz-zmien li nstema' l-appell lanqas kien ghadu mpjegat tas-socjeta' li kienet giet dikjarata xolta. Cio' nonostante l-Employment Training Corporation harget dokument iehor li jindika li l-attur kien gie made '*redundant*.'

Jinghad li in segwitu li Dr Richard Galea Debono kien baghat ic-*cheque* lill-attur u lil George Borg minghalih skond il-ftehim verbali li kellu maghhom naxxenti mil-laqgha li nzammet nhar it-13 ta' Frar 2012, George Borg kien baghat ir-*resignation* tieghu pero' l-attur baqa' ma baghat l-ebda formula u baqa' jinsisti li huwa ghandu jithallas dawk is-somom imsemmija fir-rikors promotur.

Illi l-pern tal-kwistjoni ghalhekk hi jekk (kif isostni l-attur) l-attur ghad baqghalux jithallas is-somma ta' sebat elef, mija u zewg ewro u erbghin centezmu (€7,102.40) bhala paga dovuta lilu mis-17 ta' Jannar 2012 sat-13 ta' Frar 2012 u l-ammont ta' elf, seba' mija u hamsa u sebghin ewro u sittin centezmu (€1,775.60) flimkien ma' hamest elef, tlett mija u sitta u ghoxrin ewro u tmenin centezmu (€5,326.80) rapprezentanti n-*notice money* skond il-ligi ghal tnax-il gimgha *notice* jew (kif isostni l-konvenut) jekk l-attur thallasx ghas-saldu meta rcieva c-*cheque* li effettivament sarraf.

Illi l-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu jghid principalment li l-ammonti ta' flus mitluba mill-attur fir-rikors tieghu m'humiex dovuti ghaliex l-attur irrizenja minn jeddu mill-impjieg li kellu b'effett mis-16 ta' Jannar 2012. Illi dwar dan il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal il-konvenut stess fix-xhieda tieghu u cioe' nhar is-17 ta' Settembru 2012 (fol. 99) meta *ex admisses* jghid "*Kienet decizjoni ta' hadd hlief tieghu illi effettivament George Borg u Robert Borg jitterminaw l-impjieg taghhom. Suggeriment tieghi u dan peress li dehrlu li effettivament il-kumpanija ma kinux qeghdin jaghtu ebda assistenza lill-kumpanija*." Illi ghalhekk din il-Qorti ma tista' qatt taqbel ma dak li eccepixxa l-konvenut li l-attur irrizenja minn jeddu mill-kumpanija. Din il-Qorti m'ghandhiex dubju li l-konvenut nomine kien qed jagixxi fl-interess esklussiv tas-socjeta' u dan bil-ghan li jimminimizza l-ispejjez li l-istess socjeta' kellha tonora pero' min naha l-ohra din il-Qorti ma tistax tippretendi li kull impjegat kien lest li jiehu 'short cuts' u jirrinunzja ghal dak dovut lilu bil-ligi. Huwa veru li George Borg kien ragel u accetta biss hlas ta' l-arretrati dovuti lilu sas-16 ta' Jannar 2012 u ma ppretenda xejn aktar pero' l-attur odjern mexa mod iehor.

Din il-Qorti ma taqbel xejn lanqas ma dak li jghid il-konvenut li l-attur daqah bih u kien zlejali u dan ghaliex kif jirrizulta mill-email datata 17 ta' April 2012 li huwa kien qed jaccetta l-flus '*without prejudice to other dues due to him*.'

Illi m'hemmx dubju pero' minn dak kollu li qal l-attur li huwa kien lest li jithallas l-arretrati ta' paga sas-16 ta' Jannar 2012 u dan ghaliex kieku kien jinforma lill-konvenut fl-email tieghu li ma kienx qed jaccetta s-somma offerta minnu rapprezentanti arretrati ta' hlas ta' paga ghaliex kien qed jippretendi aktar. Bil-kliem '*without prejudice to any other ammouts due to me*' jimplika li apparti l-hlasijiet rapprezentanti arretrati ta' paga kien hemm xi hlasijiet ohra li kellhom isiru. Zgur li dawn il-kliem ma kienux intizi ghaliex ma kienx qed jaqbel li l-impjieg tieghu gie terminat fis-16 ta' Jannar 2012 u dan ghaliex anke t-*termination form* tal-ETC kif irrangata u cioe' bir-raguni li l-impjieg gie terminat minhabba 'redundancy' iggib id-data tat-terminazzjoni tal-impjieg bhala 16 ta' Jannar 2012. Ghalhekk it-talba tal-attur sabiex jithallas il-paga sat-13 ta' Frar 2012 qieghda tigi michuda.

Dwar it-talba l-ohra tal-attur sabiex jithallas in-*notice money* dovut lilu din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jiddisponi l-ligi f'dan ir-rigward u cioe' ghall-**Artikolu 36 (10) tal-Kap 452** li jipprovdi s-segwenti:-

“Jekk il-principal jonqos li jaghti avviz kif imsemmi hawn qabel huwa jkun soggett li jhallas lil dak l-impjegat somma li tkun daqs il-paga li jkun imissha tithallas iz-zmien tal-avviz.”

Illi jinghad li f’dan ir-rigward ghalkemm veru li seta’ ma kien hemm l-ebda diskors dwar *notice money* fil-laqgha li nzammet fit-13 ta’ Frar 2012 ghalkemm Dr Pierre Lofaro jghid li kien hemm xi diskors f’dan ir-rigward pero’ ma jiftakarx fir-rigward ta’ min, il-ligi qieghda hemm u ghandha tigi osservata salv jekk il-partijiet ma jirrinunzjawx ghaliha b’mod esplicitu li f’dan il-kaz ma jirrizultax li kien il-kaz. Illi l-ammont mitlub mill-attur fir-rikors promotur fl-ammont ta’ hamest elef, tlett mija u sitta u ghoxrin ewro u tmenin centezmu (€5,326.80) fir-rigward ta’ hlas ta’ *notice money* ma giex kontestat *ut sic* bhala li hija somma eccessiva u ghalhekk fid-dawl ta’ dak li ntqal aktar ‘il fuq u cioe’ li tali hlas ghandu jsir, il-Qorti sejra tilqa’ tali talba.

**Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine qieghda tilqa’ t-talba attrici b’dan pero’ f’ammont ridott u ghalhekk qieghda tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur l-ammont ta’ hamest elef, tlett mija sitta u ghoxrin ewro u tmenin centezmu (€5,326.80).**

**L-ispejjez tal-kawza jithallsu in kwantu ghal tlett kwarti mill-konvenut u kwart mill-attur u l-interessi jibdew jiddekorru mil-lum.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------